Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 710/2017

**Donald Micallef**

**Vs**

**Mario u Phyllis konjugi Aquilina u Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

23 ta' Lulju, 2018.

1. Il-qorti rat is-sentenza tal-4 ta' Gunju, 2018 li biha ddecidiet:

   *"1. Tiddikjara illi meta fis-seduta tad-19 a' Mejju, 2017 din il-qorti ordnat il-kancellament tal-appell Mario Aquilina et vs Donald Micallef (43/2013), l-attur kien ghadu ma giex notifikat bl-avviz ta' smiegh tal-istess appell skont l-artikolu 152(1) tal-Kap. 12.*

   *2.Tiddikjara li l-ligi ma tipprovdix is-setgha li din il-qorti tikkancella appell kif sar bl-ordni tad-19 ta' Mejju, 2017.*

   *3.Thassar l-ordni li nghatat fid-19 ta' Mejju, 2017 li bih ordnat il-kancellament tal-appell minn fuq il-lista tas-smiegh, u tpoggi lill-partijiet fl-istess posizzjoni li kienu qabel ma nghatat l-istess ordni. Ghaldaqstant, tornda li l-appell Mario Aquilina et vs Donald Micallef (numru 43/2013) jinstema' mill-gdid.*

   *Spejjez rizervati skont ma jinghad fil-verbal tal-lum"*.

2. Rat ukoll is-sentenza li tat illum fl-appell numru 43/2013/1 fl-ismijiet: **Mario Aquilina et vs Donald Micallef**.

3. F'din il-kawza fadal li tinghata decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez.

4. Wara li qieset li l-ordni ta' kancellament li kienet oggett ta' din il-kawza, inghatat fuq talba tal-konjugi Aquilina (ara verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju, 2017), tqies li jkun gust li jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza. Madankollu, ma tqiesx li kien hemm htiega li l-attur iharrek lill-konvenut l-iehor.[1] Ir-Registratur ma kienx parti fl-appell fuq imsemmi u ghaldaqstant ma kienx hemm il-htiega li jigi mharrek. Hu minnu li permezz ta'

[1] L-ewwel eccezzjoni tar-Registratur taqra: *"Illi fl-ewwel lok u in linea preliminary l-eccipjenti jirrileva illi huwa assolutament mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi attrici stante li essenzjalment il-materja ta' litigju hija bejn il-kontendenti Micallef u Aquilina u l-esponenti gie ttraxxinat f'dawn il-proceduri inutilment. Di piu l-kwistjoni ta' jekk il-Qorti tal-Appell kellhiex jew is-setgha tordna l-kancellament tal-appell ma jwegibx ghaliha l-esponenti u kwindi hu altru milli car li l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti"* (fol. 18).

dawn il-proceduri l-attur impunja l-ordni ta' kancellament li tat din il-qorti waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju, 2017. Madankollu jibqa' l-fatt li l-kwistjoni kienet bejn Aquilina u Micallef u r-Registratur ma kellux x'jaqsam fiha.

**Ghal dawn il-motivi tikkundanna lill-konvenuti Aquilina sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza, b'dan li l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-konvenut l-iehor u ghal finijiet tal-kap tal-ispejjez tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu.**

Anthony Ellul.